# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 11/2016

23 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:3:00 pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

11.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Ma kien hemm ħadd assenti.

11.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.2.2 Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm xi updates fuq l-arbli tad-dawl li rrapurtajna fi Triq San Tumas. Inqrat e-mail li rċievejna mingħand l-Enemalta li tgħid illi l-arbli għalkemm imsaddin għad fadal x'wieħed jista' jieħu minnhom bħala użu. Il-Kunsill qabel unanimament illi f'każ illi jiġri xi aċċident mhux ser ikun responsabbli u għandha terfa' r-responsabbilita' l-Enemalta.

11.2.3 Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil saqsa jekk kienx hemm xi update rigward Vjal ix-Xarolla. Is-sindku kkonferma li kienu ħarġu żewġ tenders sabiex jagħmlu t-triq, t-tieni wieħed għad irid jiġi aġġudikat għalhekk t-triq titkompla aktar il-quddiem.

11.2.4 Is-Sindku qal ukoll re CCTV's (punt ref. 2.9) li dehru żewġ persuni fil-footage tal-kameras, wiehed ma kienx ilu 48 siegha li rema' għalhekk stajna nibagħtulu multa mill-ewwel u l-ieħor għaddejna l-footage lil pulizija sabiex joħorġulu c-charges pero' ser ikollna nitilgħu bil-footage aħna.

11.2.5 Kienet diskussa l-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv (ref punt 6). Skond il-Bord li kien inħatar waqt laqgħa ta' nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2016, kandidati eliġibli kien hemm erba' applikanti u l-intervisti saru nhar 14 ta' Novembru 2016. Saru żewġ intervisti, waħda s-Sinjorina Mary Helen Stuart u s-Sinjorina Doris Baldacchino, tnejn applikanti oħra kienu assenti.Is-Sinjorina Doris Baldacchino ġabet l-aktar punti. Fuq id-deċiżjoni tal-bord is-Sindku propona illi is-Sinjorina Doris Baldacchino tinħatar Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku ssekonda d-deċisjoni u l-kunsilliera qablu unanimament bil-ħatra.

11.2.6 Fuq it-Town Twinning is-Sindku qal li kienet esperjenza sabiħa ħafna fejn ghamilna speċi ta' town twinning ma tlett kunsill lokali oħra u anke l-isem ir-raħal tagħna onorajnih. Apparti minn kollox irrealiżżajna li bħala kunsill ħdejn kunsilli oħrajn aħna aktar organizzati, l-affarijiet neħduhom aktar bis-serjeta' u anke bħala presentations u talks morna tajjeb ħafna. Kullħadd qabel li esperjenzi bħal dawn huma esperjenzi li m'ghandnix nitilfuhom.

11.2.7 Rigward (ref punt 8.12) is-Sindklu qal li kien talab appuntament ma chief of staff nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru filghodu. Tal-kazin talbuh ukoll sabiex jitkellem ukoll fuq l-ghassa tal-pulizija. Il-Kazin qieghdin jiproponew illi l-lottu jmur fil-kazin u viċe vera l-għassa tigi flok fejn hemm tal-lottu. Kulħadd qabel li ghalkemm xi ħaġa diffiċċli xorta waħda għandna nipruvaw.

**11.3.1 Kiri tas-Sala**

Is-sindku qal li qed ikollu ħafna talbiet sabiex tinkera s-sala, u allura qiegħdin nitilfu ħafna flus li bħala kunsill għandna bżonn. L-ispejjeż tal-Kunsill żdiedu. Is-Sindku qal li kien qed iressaq din it-talba, l-ewwel biex tiġi aprovata li s-sala tibda tinkera u nemendaw il-Bye Law li teżisti għal kirjiet. Wara diskussjoni sar qbil illi għandna nirrangaw l-ammonti li tinkera, s-sala għandha tibda tinkera għal-ammont ta' €250, nżommu depozitu bħala garanzija ta' €100 u li l-ħlas għal kirja għandna nżommuh bil-quddiem. Rigward il-Ġnien ta' Ball sar qbil ukoll illi fl-istat li hu issa m'għandux jinkera. Pero' kif inkunu qed nemendaw il-bye law għandna nemendaw ukoll il-ħlas għal kirja ta' Sir Alexander Ball u li jkun bħal tal-conference hall.

11.3.2 Is-Sindku qal li avviċinah s-sur Vitale li jaħdem ma entita' taħt Transport Malta. Xogħolu jaħdem fuq il-Belishia lights. Is-Sindku qal li l-istima sabiex jagħmlilna globu, pole u kaxxa il-prezz ikun ta' €183 kull pole komplut. Fuq iz-Zebra Crossing li hemm il-fuq minn tan-naghal infurmajna lill-Transport Malta li l-Kunsill jixtieq li dawn jiġu bil-belishia lights peress li din z-Zebra Crossing għamluha Transort Malta stess. Fuq iz-Zebra li hemm fi Triq San Pawl din saret fuq talba tagħna għalhekk il-Kunsill qabel li għalissa għandna nagħmlu l-Belishia lights maz-Zebra li hemm fi Triq San Pawl. L-oħra nistennew mingħand Transport Malta.

11.3.3 Is-Sindku qal li għandu stima ta' *Dome Camera* mingħand l-Allsec u li peress li kienu inħarqu tlett kameras għandna jew nibdluhom jew inkella nagħmlu din id-*Dome Camera* li għandha tiswijna €1,034. Peress li konna ħadna lura bl-Insurance il-flus tal-Kameras li nħarqu, fejn ħadna xi €800, il-kunsill mhux ser ikun qed joħroġ ħafna aktar u nkunu qed nosserveljaw area kbira b'kamera waħda. Il-Kunsill kollu qabel li għandna nixtru din id-*Dome Camera*.

**11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

11.4.1 Il-Viċi Sindku saqsa fuq e-mail minghand Kevin Barun. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi kienet e-mail fejn qed joffri biex ibigh Petty Cash Vouchers.

11.4.2 Is-Sindku saqsa rigward E-mail minghand Sergio Mallia. Id-Deputat Segretarju kkonfermat illi kienet inizjattiva tal-WEEE sabiex jinġabru affarijiet eletroniċi fi trolley li ser ikun fil-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill minn kull tunnella għandu jieħu ħlas ta' €20.

11.4.3 Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal lis-Sindku li hemm Jorge Spiteri ma Transport Malta rigward Triq il-Kuċċard għan-naħa tagħna. Saret diskussjoni u il-Kunsill qed jemmnu li għal l-aħħar tas-sena d-dieħla t-triq għandha tkun lesta.

11.4.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet fuq Mistoqsija Parlamentari numru 28352. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi kienet PQ fejn qed isaqsu fuq liema kienu t-toroq rurali li kienu qed isiru b'fondi tal-Unjoni Ewropea.

11.4.5 Il-Viċi Sindku saqsa fuq irregularity report. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi rigward l-irregularita' rriżultat għaliex il-quotes għal flights għal Norway ma ntalbux fl-istess ġurnata. Bħala flights jekk ma jkunux intalbu fl-istess ġurnata ma tiġix fair anki jekk tintgħażel l-inqas quote.

11.4.6 Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill ta' Ħal Safi bħala allokazzjoni is-sena d-dieħla kien ser jieħu 5% aktar minn din is-sena li jammontaw għal 11,000 Euro u kkonferma ukoll li konna ser nieħdu l-15,000 bħala Proġetti Kapitali.

11.5 Rapporti

11.5.1 Id-Deputat Segretarju ppreżentat il-Quarterly Financial Report (Quarter 3) li jkopru minn Jannar sa Settembru 2016. Il-Financial Statements kienu mportanti għaliex issa li spiċċa Anthony bħala Segretarju Eżekuttiv minħabba li l-Kunsill hu obbligat li jagħmel Mini Audit mat-terminu ta' Segretarju Eżekuttiv, dawn il-Quarterly Financial Report ser ikunu qed jagħlaq ż-żmien eżatt meta spiċċa l-ex Segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi konna spiċċajna b'12,084 Euro Surplus pero kkonfermat ukoll illi fir-rapport kien hemm il-15,000 Euro li kienu mwegħda minħabba l-Proġetti Kapitali. Il-Kunsill approva dawn il-Quarterly Financial Report.

11.5.2 Update Sejħa Librara

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi kienet ħarġet is-sejħa għal Librara li kienet ser tkun temporanja, fuq bażi ta' Self-Employed bir-rata ta' 6.75 is-siegħa. Min hu nteressat l-applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Kunsill sas-16 ta' Diċembru 2016 f'nofsinhar. Is-Sindku kkonferma illi bħala kunsill s-sena d-dieħla konna ser inżidu ftit spejjeż oħra, li jammontaw għal 33.75 euro fil-ġimgħa.

11.5.3 Talba għal Devoluzzjoni ta' sit (fejn kienet l-berġa)

Is-Sindku qal illi jixtieq illi nitolbu d-devoluzzjoni tal-Berġa l-antika li konna nużaw. Il-Kunsill kien diġa bagħa t-talba lid-Dipartiment u Lands Department sabiex din tiġi devoluta pero' d-dipartiment bagħtulna t-template tal-applikazzjoni sabiex nitolbu għad divoluzzjoni. Is-Sindku qal li spejjż kbar m'għandnix għaliex il-binja lesta. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel illi għandna nitolbu għal Devoluzzjoni ta' dan is-sit.

11.6 Items oħra

11.6.1 Dekorazzjoni tal-Milied

Rigward it-tiżjin għal Milied is-Sindku qal li s-sena l-oħra konna żidna l-Christmas Tree u Anġlu. Is-Sindku qal li anki din is-sena ser inżidu x'armar ieħor. Il-Każin talbu sabiex minn din is-sena jekk possibbli inżidu l-prezz. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandna nżidu 100 Euro ieħor għal prezz ta' 1100 Euro.

11.6.2 Fuljett

Is-Sindku talab lil kunsilliera sabiex sal-ġimgħa ta' wara kulħadd ikun bagħat il-messaġġ għal proof reading sabiex inkun nistgħu nmexxu għal printing. Id-deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi għalkemm kienet talbet għal tliet kwotazzjoni kienet irċiviet waħda biss. Il-prezz kwotat huwa ta' 880 mingħand l-Union Print. Il-Kunsill qabel li għandna nmexxu fuq l-istima li rċievejna.

11.6.3 Party tat-Tfal

Il-Kunsillieri Joanna Abdilla qalet li għal din is-sena, il-Party ser jieħdu ħsieb kollox il-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ. Kien fadal biżżejjed fondi għalhekk il-Kunsill ma kienx ser jidħol fi spejjeż Il-ħsieb huwa li nagħmlu l-party tat-tfal nhar is-27 ta' Diċembru pero' għandna niċċekjaw mal-Każin u l-Mużew. Il-Party jdum bejn wieħed u ieħor tlett siegħat u għal aħħar ftit ikunu mistiedna l-ġenituri.

11.6.4 Ikla Anzjani

L-ikla tal-Anzjani d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi bħal snin oħra għandha tkun nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2017. Bħala animation il-Kunsill qabel li għanda nistiednu lis-Sur John Muscat. Għandna naħsbu ukoll għar-rigali.

11.6.5 Approvazzjoni Agones Duathlon and Cycling Race

Id-Deputat Segretarju qalet illi din kienet it-tiġrija li jagħmlu bħas-soltu l-Agones fi Triq il-Karwija nhar il-5 ta' Frar u 12 ta' Frar 2017. Id-Deputat Segretarju kkonfermat illi t-tellieqa ta' Antoniella kienet ser tkun nhar is-26 ta' Frar 2017 għalhekk ma kinux ser jaħbtu flimkien. Il-Kunsill qabel li għandna napprovaw dawn it-tlielaq.

11.6.6

Is-Sindku ressaq talba li rċieva mingħand il-Kappillan jekk aħnix lesti li nerġgħu nagħmlu l-Kunċert tal-Milied flimkien mal-parroċċa. L-unika spiża għal Kunsill għandha tkun l-orkestra. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nagħmlu dan il-kunċert flimkien mal-parroċċa.

11.6.7 Is-Sindku qal ukoll li kienu ġew ta' Transort Malta rigward fejn hemm it-Tower Crane u kienu approvaw l-One Way temporanjament. Is-Sindku fakkar illi huwa kien issugerixxa li għandna nagħmlu l-One Way kontra sabiex it-traffiku jkun jista'jibqa' tiela' pero, il-kunsill kien ħaseb li minħabba l-kisra t-traffiku ma jkunx jista' ddur. Is-Sindku qal li marru fuq il-post sabiex jiċċekjaw pero' it-traffiku jista' jdur liberament. Il-problema tal-Mużew issa konna solvejniha allura għandna inħallu l-One Way, pero' it-traffiku jrid jibqa' tiela l-fuq u jmur lejn il-Misraħ. Transport Malta ssuġerixxew ukoll li minħabba li l-ħin kollu jolqtu l-bollards fil-Misraħ għandna nwaħħlu signs bil-limitu tal-veloċita' fejn il-Mużew tal-bniet. Wara diskussjoni l-kunsill qabel fuq l-One Way kifi kien issurrixxa s-Sindku u li din tiġi fis-seħħ kif jitneħħa t-tower crane.

11.6.8 Il-Viċi Sindku ukoll rraporta bozza tteptep quddiem is-showroom tal-karozzi fi Triq iż-Żurrieq u l-ewwel waħda fi Triq il-Ħajt Ruman.

11.6.9 l-Kunsilliera Joanna Abdilla rraportat ukoll bozza fi Triq il-Kuċċard quddiem id-dar Charlie.

l-Kunsilliera Joanna Abdilla rraportat ukoll li l-bankina fi Trejqet Tarsu hemm bankina li mhix kontinwa.

Qalet ukoll li l-fjuri fir-roundabout ta' Triq il-Karwija qiegħdin hemm għal xejn. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel li ħadd mhu kuntent bis-servizz li qiegħed itina l-kuntrattur tas-Soft Areas u jekk mhux ser jiġi jagħmel ix-xogħol ser nibdew noħorġulu l-warnings.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla talbet jekk hux possibli jagħmlu Presepju Ħaj fi Ġnien ta' Ball għaliex kienu qed isibu diffikultajiet sabiex jagħmluh fil-kunvent tas-sorijiet. Il-Kunsill approva t-talba tagħha.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet rigward Laqgħa Pubblika, jekk saritx din is-sena. Il-kunsill qabel li għandna naħsbu sabiex nagħmlu Laqgħa Pubblika flimkien ma laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera saqsiet jekk kienx hemm xi update fuq ix-xelter. Il-Viċi Sindku kkonferma li kien tkellem mal-kuntrattur pero' is-Segretarju qatt ma kien tah il-go ahead sabiex jibda ix-xogħol u li issa x-xogħol ma setax jibdih fix-xahar ta' Diċembru u Jannar. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel li għandna nieħdu stima kemm ser jiswiena ix-xogħol u li għal issa bħala prijorita ta' xogħol hemm il-bandli u Ġnien ta' Ball u li forsi l-quddiem inkunu nistgħu nieħdu xi fondi sabiex niftħu x-xelters.

Il-Kunsilliera qalet ukoll li peress li m'hawnx Child Care Centre forsi nistgħu nagħmlu Parent and Kids Club. Jiltaqgħu darba jew darbtejn fil-ġimgħa fis-sala tal-Kunsill fejn ikunu jistgħu jagħmlu xi activities. Il-Kunsill qabel li għanda naraw xi spejjeż hemm.

11.6.10 Is-Sindku qal li kien lesta ittra sabiex tintbagħat il-Kunsill taż-Żurrieq u d-Dipartiment minħabba li l-Kunsill taż-Żurrieq kienu qalgħu t-tabella tagħhom u kienu qiegħduha fil-konfini ta' Ħal Safi. Is-Sindku qara ittra li kienet tgħid illi jekk ma titneħħix it-tabella fi żmien tlett ijiem allura l-Kunsill ta' Ħal Safi ma jkollux triq oħra ħlief li jneħħi t-tabella hu stess. S'issa l-Kunsill ta' Ħal Safi kien qiegħed jimxi b'id ta' ħbiberija pero' dan l-aġir ma nħallilnix triq oħra ħlief li nagħmlu hekk.

Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil ukoll qara ittra li tkompli ssaħħaħ li kien qara s-Sindku u li issa għandna nwaħħlu arblu f'waħda mill-ħofor li hemm.

Il-Kunsill kollu qabel li l-Kunsill ta' Ħal Safi għandnu jimxu id f'id flimkien sabiex titneħħa din it-tabella.

11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti gew diskussi u approvati unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:00 pm.

Il-laqgħa li jmiss se ssir l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa b'urġenza Numru 11a/2016

25 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:7:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

Is-Sindku qal it-talba u rringrazzja lil membri tal-Kunsill talli laqgħu t-talba tiegħu sabiex issir laqgħa b'urġenza f'qasir żmien.

Is-Sindku nforma lil Kunsill illi Impjegata Numru 1 ma kinitx rrapurtat għax-xogħol nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa 24 u 25 ta' Novembru 2016 u li kienet għamlet ċertifikat miftugħ. Il-Kunsill qabel li hija mhix tajba illi taħdem *front desk* u fuq kollox mhix affidabbli. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtulha tabib sabiex jiċċekja hux veru marida.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li issa li approvajna l-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016, għalkemm qabel kellu l-ħsieb illi naprovaw is-sejħa għal skrivana Full Time f'laqgħa li jmiss, issa m'għandnix triq oħra ħlief li noħorġu s-sejħa mmedjatament. Il-Kunsill qabel unanimament.

Rigward il-problema li għandna fuq il-konfini maż-Żurrieq qal li l-ġurnata ta' qabel konna bgħatna l-ittra li konna tkellimna l-laqgħa preċidenti (ref numru 11.6.10) u issa konna rċievejna ittra mingħand l-Avukat f'isem il-Kunsill Lokali Żurrieq. Is-Sindku qara l-ittra li rċievejna lil membri tal-Kunsill. Saret diskussjoni fuq l-ittra u l-istorja ta' Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li hu kien mexa fuq id-deċiżjoni li kien ħa d-Dipartiment fl-2011 fejn huwa ndikat ċar fejn għandha teħel it-tabella taż-Żurrieq. Il-Kunsill Lokali Safi jemmen li l-Kunsill Lokali Żurrieq mar kontra dak li ddeċieda d-Dipartiemnt tal-Gvern Lokali u għalhekk għandu kull dritt li jissalvagwardja l-konfini tiegħu.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm.

Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |